**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Hubert Cini)**

**kontra**

**ANTHONY BORG**

**(ID: 260783(M))**

**Kaz Nru.: 208/15**

**Illum, it-23 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Anthony Borg,** ta' 32 sena, iben Peter u Vincenza nee' Cassar, imwieled Birkirkara, mwieled fil-21 ta' Frar 1983, residenti gewwa 8, Triq Casteletti, tas-Sliema, detentur tal-Karta tal-identita' 260783(M), senjatament akkuzat talli bhala residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminalic, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta)[1], datat l-20 ta' Awwissu 2015, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjoni ta' kawzi u doveri datat it-28 ta' Lulju 2021[2];

Rat li fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2022 l-partijiet ezentaw lil dina l-Qorti hekk kif preseduta mis-smigh mill-gdid tax-xhieda prodotti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta;

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizula li l-fatti fil-qosor jirrisalu lura ghas-sena 2010, senjatament ghat-18 t'Ottubru ta' dik is-sena, meta waqt tfittxija gewwa c-cella gewwa Divizjoni 11 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li fiha kien residenti l-qua imputat nstabet sustanza suspettata droga illegali. L-imsemmija sustanza nstabet fuq xkaffa hdejn is-sodda tal-imputat u kienet tikkonsisti f'pakkett ta' sustanza suspettuza. Fl-istess cella nstabu ukoll erba' pilloli.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi: (1) **l-ex ispettur Alexander Grech u PS 1257 Conrad Ellul** li xehdu dwar l-investigazzjonijiet taghhom; (2) **CO116**

[1] Ara fol. 15 tal-atti processwali;
[2] Fol. 91 tal-atti processwali.

**Helenio Galea** li kkonferma li fil-perjodu relevanti ghall-imputazzjonijiet odjerni l-qua imputat kien residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin; (3) **CO85 Godwin Agius u ASCO James Abela** li xehdu dwar it-tfittxija maghmula minnhom fic-cella tal-qua imputat (4) Giet ezebieta l-**inkjesta magisterjali** in konnessjoni mal-kaz odjern; (5) xehdu ukoll l-ispizjar **Godwin Sammut u Dr. Mario Mifsud li** kkonfermaw li huma qatt ma gew infurmati b'xi inkarigu fil-kaz odjern u li huma qatt ma elevaw is-sustanza relattiva ghal dan il-kaz.

Id-difiza ghazlet, hekk kif kellha kull dritt li taghmel, li ma tressaq l-ebda prova.

**Ikkunsidrat ulterjorament:**

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni il-qua imputat jinsab akkuzat b'pussess ta' droga eroina gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin nhar it-18 t'Ottubru 2010 ghall-habta tad-19.30hrs. Mix-xhieda ta' **CO85 Godwin Agius,** wiehed mill-gwardjani li ghamlu t-tfittxija li wasslet sabiex jinbdew il-proceduri odjerni fil-konfront tal-qua imputat, jirrizulta li l-imsemmija tfittxija u sejba ta' sustanza allegatament illecita nstabet filghodu.

| | |
|---|---|
| *Pros:* | *Tiftakar il-hin tal-inspection?* |
| *Xhud:* | *Il-hin ezatt le. Naf li kien filghodu imma ilu 5 snin*[3]. (emfazi ta' din il-Qorti). |

Ghaldaqstant tenut kont li kien propju l-imsemmi ufficjal wiehed mill-ufficjali li ghamel it-tfittxija u s-sejba ta' droga (u mhux l-ufficjali tal-pulizija li xehdu fil-proceduri odjerni), dina l-Qorti, ser tistrieh f'dan ir-rigward fuq it-testimonjanza tieghu ghal dak li jirrigwarda l-hin tas-sejba tal-allegata sustanza illecita.

**Minkejja li skond l-imsemmi ufficjal is-sejba saret filghodu, l-qua imputat gie akkuzat li kien fil-pussess ta' droga fid-19.30hrs.** Di piu, minkejja t-testimonjanza ta' CO 85 Agius, il-prosekuzzjoni baqghet qatt ma talbet korrezzjoni tac-citazzjoni.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, ilfatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza

[3] Fol. 26 tal-atti processwali.

gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

> *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab".* (emfazi ta' dina l-Qorti)

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament jinghad li l-agir allegat mill-prosekuzzjoni ma jinkwadrax fil-parametri ta' zmien hekk kif impostulat fic-citazzjoni.

Madanakollu dan ma kienx l-uniku naqas f'dawn il-proceduri. Jinghad ukoll illi minn analizi tal-atti processwali jirrizulta li s-sustanza allegatament elevata mill-isfera ta' kontroll tal-qua imputat ma giet qatt ezebieta fl-atti processwali odjerni u ma jirrizultax mill-istess atti li qatt giet analizzata. Ghaldaqstant il-process huwa mankanti minn prova krucjali li s-sustanza elevata minghand l-imputat kienet effettivament droga illegali ai termini tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, qed tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**